



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

2012/2039(INI)

16.10.2012

EMENDA

1 - 58

Abbozz ta' opinjoni
Regina Bastos.
(PE483.860v02)

dwar l-istatut għal impriża mutwa Ewropea
(2012/2039(INI))

AM_Com_LegOpinion

Emenda 1
Jean-Luc Bennahmias

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 1

Abbozz ta' opinjoni

1. Ifakkar li l-valuri *tal-kumpaniji ta' assigurazzjoni komuni* jikkorrispondu mal-prinċipji fundamentali tal-mudell soċjali Ewropew;

Emenda

1. Ifakkar li l-valuri *tal-impriżi mutwi* jikkorrispondu mal-prinċipji fundamentali tal-mudell soċjali Ewropew; ***jenfasizza li peress li huma bbażati fuq valuri ta' solidarjetà, l-impriżi mutwi huma atturi importanti tal-ekonomija soċjali ta' suq tal-Unjoni Ewropea li għandhom jiġu rikonoxxuti aktar, b'mod partikolari permezz tal-istabbiliment tal-istatut Ewropew;***

Or. fr

Emenda 2
Evelyn Regner

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 1

Abbozz ta' opinjoni

1. Ifakkar li l-valuri *tal-kumpaniji ta' assigurazzjoni komuni* jikkorrispondu mal-prinċipji fundamentali tal-mudell soċjali Ewropew;

Emenda

1. Ifakkar li l-valuri *tal-impriżi mutwi* jikkorrispondu mal-prinċipji fundamentali tal-mudell soċjali Ewropew; ***Ifakkar li għall-kuntrarju ta' forom imprenditorjali tal-ekonomija soċjali oħra, l-impriżi mutwi joperaw fuq prinċipji ta' adeżjoni volontarja u miftuħa, drittijiet ta' votazzjoni ugwali (membru wieħed, vot wieħed), indipendenza u awtonomija bl-ebda kapital soċjali;***

Or. en

Emenda 3
Birgit Sippel.

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 1a (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

1a. Josserva li l-impriżi mutwi huma kostitwiti minn gruppi volontarji ta' persuni (fiżiċi jew ġuridiċi) li l-iskop tagħhom hu li jissodisfaw il-bżonnijiet tal-membri tagħhom pjutost milli jiksbu qligħ fuq l-investment, u li huma joperaw skont il-prinċipji ta' solidarjetà bejn il-membri u huma ġestiti skont prinċipji demokratiċi;

Or. en

Emenda 4
Birgit Sippel

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 1b (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

1b. Jenfasizza li jeżistu żewġ tipi ewlenin ta' impriżi mutwi fl-Ewropa, li huma l-impriżi ta' "benefiċċju mutwu" (jew "providenza ta' saħħa") u l-impriżi ta' "assigurazzjoni mutwa". L-impriżi ta' "benefiċċju mutwu" jipprovdu kopertura soċjali supplimentari, komplimentari jew integrata fis-sistemi obbligatorji ta' protezzjoni soċjali. L-impriżi ta' "assigurazzjoni mutwa" jistgħu jkopru kull tip ta' proprjetà u riskji ta' ħajja. F'ċerti Stati Membri, l-impriżi mutwi jistgħu anki jipprovdu servizzi f'oqsma oħra bħall-akkomodazzjoni jew il-kreditu;

Or. en

Emenda 5
Evelyn Regner

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 2

Abbozz ta' opinjoni

2. Ifakkar li *l-kumpaniji ta' assigurazzjoni komuni* għandhom rwol ewlieni fl-ekonomija ***tal-Unjoni*** billi jipprovdu kura tas-saħħa u benefiċċji tas-sigurtà soċjali lil iktar minn 160 miljun ċittadin Ewropew, li jsarrfu f'iktar minn 180 biljun euro fi primjums tal-assigurazzjoni u li jimpjegaw iktar minn 350 000 persuna fl-Unjoni;

Emenda

2. Ifakkar li *l-impriżi mutwi* għandhom rwol ewlieni fl-ekonomija ***ta' ċerti Stati Membri*** billi jipprovdu kura tas-saħħa u benefiċċji tas-sigurtà soċjali lil iktar minn 160 miljun ċittadin Ewropew, li jsarrfu f'iktar minn 180 biljun euro fi primjums tal-assigurazzjoni u li jimpjegaw iktar minn 350 000 persuna fl-Unjoni; ***jirrimarka li f'ċerti Stati Membri, dawn it-tipi ta' servizzi huma offruti minn kooperattivi;***

Or. en

Emenda 6
Jean-Luc Bennahmias

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 2

Abbozz ta' opinjoni

2. Ifakkar li *l-kumpaniji ta' assigurazzjoni komuni* għandhom rwol ewlieni fl-ekonomija tal-Unjoni billi jipprovdu kura tas-saħħa u benefiċċji tas-sigurtà soċjali lil iktar minn 160 miljun ċittadin Ewropew, li jsarrfu f'iktar minn 180 biljun euro fi primjums tal-assigurazzjoni u li jimpjegaw iktar minn 350.000 persuna fl-Unjoni;

Emenda

2. Ifakkar li *l-impriżi mutwi* għandhom rwol ewlieni fl-ekonomija tal-Unjoni billi jipprovdu kura tas-saħħa u benefiċċji tas-sigurtà soċjali lil iktar minn 160 miljun ċittadin Ewropew, li jsarrfu f'iktar minn 180 biljun euro fi primjums tal-assigurazzjoni u li jimpjegaw iktar minn 350 000 persuna fl-Unjoni; ***jénfasizza li l-impriżi mutwi jiffaċilitaw l-aċċess għall-kura u l-inklużjoni soċjali u li jipparteċipaw bis-sħiħ fil-prestazzjoni ta' servizzi ta' interess ġenerali fi ħdan l-Unjoni Ewropea;***

Or. fr

Emenda 7
Jean-Luc Bennahmias

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 4

Abbozz ta' opinjoni

4. *Enfasizza* li b'25 % tas-suq tal-assigurazzjoni u 70 % tal-għadd totali ta' intrapriżi tas-settur, *il-kumpaniji tal-assigurazzjoni komuni* ma jistgħux jiġu injorati fis-suq uniku;

Emenda

4. *Jenfasizza* li b'25 % tas-suq tal-assigurazzjoni u 70 % tal-għadd totali ta' intrapriżi tas-settur, *l-impriżi mutwi* ma jistgħux jiġu injorati fis-suq uniku¹; ***josserva li huma għandhom jibbenefikaw minn statut Ewropew sabiex ikunu pari għall-forom ta' impriżi l-oħra fl-Unjoni; ifakkar li d-diversità tal-forom imprenditorjali tikkostitwixxi valur li għandu jiġi rikonoxxut u inkoraġġut bis-sih;***

¹ COM(2011)0206.

Or. fr

Emenda 8
Regina Bastos

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 5

Abbozz ta' opinjoni

5. ***Irrimarka li l-pensjonijiet tal-irtirar u tas-superstiti jikkostitwixxu l-parti l-iktar sinifikanti tal-infiq fuq il-protezzjoni*** soċjali u li t-tixjiħ demografiku ***jirriskja li jqiegħed*** il-persjoni fuq l-infiq pubbliku għall-protezzjoni soċjali;

Emenda

5. ***Josserva li l-impriżi mutwi huma partikolarment attivi fil-qasam tas-saħħa, il-kura fit-tul, il-pensjonijiet u s-servizzi soċjali inkluż it-tixjiħ demografiku*** u li ***l-involviment tal-impriżi mutwi bħala partijiet interessati kbar huwa essenzjali għas-sostenibilità futura tal-protezzjoni soċjali, fid-dawl tal-fatt li t-tixjiħ demografiku qed iqiegħed*** il-persjoni fuq l-infiq pubbliku għall-protezzjoni soċjali;

Or. en

Emenda 9
Jean-Luc Bennahmias

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 5

Abbozz ta' opinjoni

5. *Irrimarka* li l-pensjonijiet tal-irtirar u tas-superstiti jikkostitwixxu l-parti l-iktar sinifikanti tal-infiq fuq il-protezzjoni soċjali **u** li t-tixjiĥ demografiku jirriskja li jqiegħed il-persjoni fuq l-infiq pubbliku għall-protezzjoni soċjali;

Emenda

5. *Jirrimarka* li l-pensjonijiet tal-irtirar u tas-superstiti jikkostitwixxu l-parti l-iktar sinifikanti tal-infiq fuq il-protezzjoni soċjali **tal-Istati Membri** u li t-tixjiĥ demografiku **qed joħloq sfidi kbar għas-soċjetajiet Ewropej, li qed jaffettwa l-ekwilibriju baġitarju nazzjonali u qed** jirriskja li jqiegħed il-persjoni fuq l-infiq pubbliku għall-protezzjoni soċjali;

Or. fr

Emenda 10
Birgit Sippel

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 5

Abbozz ta' opinjoni

5. *Irrimarka* li l-pensjonijiet tal-irtirar u tas-superstiti jikkostitwixxu l-parti l-iktar sinifikanti tal-infiq fuq il-protezzjoni soċjali u li t-tixjiĥ demografiku jirriskja li jqiegħed il-persjoni fuq l-infiq pubbliku għall-protezzjoni soċjali;

Emenda

5. *Jirrimarka* li l-pensjonijiet tal-irtirar u tas-superstiti jikkostitwixxu l-parti l-iktar sinifikanti tal-infiq fuq il-protezzjoni soċjali u li t-tixjiĥ demografiku jirriskja li jqiegħed il-persjoni fuq l-infiq pubbliku għall-protezzjoni soċjali; **jenfasizza li l-impriżi mutwi jista' jkollhom rwol importanti fil-proponiment ta' skemi ta' pensjonijiet soċjalment responsabbli, għalkemm ma jistgħux jissostitwixxu l-ewwel pilastru solidu tas-sistema tal-pensjonijiet;**

Or. en

Emenda 11
Regina Bastos

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 5a (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

5a. Josserva li l-impriżi mutwi joffru opportunitajiet addizzjonali u finanzjarjament aċċessibbli għaċ-ċittadini tal-UE;

Or. en

Emenda 12
Marian Harkin

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 5a (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

5a. Josserva li ċerti impriżi mutwi għandhom element volontarju qawwi ħafna u li din l-etika għandha tinżamm u tiġi ffaċilitata;

Or. en

Emenda 13
Birgit Sippel

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 6

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

6. Jenfasizza li ż-żieda fl-infiq fuq il-kura tas-saħħa u l-pensjonijiet jista' jkollha konsegwenzi sinifikanti għas-sostenibilità u l-kopertura tas-sistemi attwali ta' protezzjoni soċjali, **li jista' jwassal biex jimbotta lill-Istati Membri biex ibaxxu l-**

6. Jenfasizza li ż-żieda fl-infiq fuq il-kura tas-saħħa u l-pensjonijiet jista' jkollha konsegwenzi sinifikanti għas-sostenibilità u l-kopertura tas-sistemi attwali ta' protezzjoni soċjali; **jjenfasizza li l-impriżi mutwi jippromwovu valuri fundamentali**

livell ta' kontribuzzjoni tagħhom għall-protezzjoni soċjali obbligatorja u biex jittrasferixxu l-ispejjeż tas-sigurtà soċjali għas-settur privat;

tal-Istat soċjali bħas-solidarjetà, in-nondiskriminazzjoni, l-aċċess ugwali u servizzi soċjali ta' kwalità għolja fis-settur privat; jenfazizza madankollu li l-protezzjoni soċjali privata tista' tkun kumplementari biss u ma tistax tissostitwixxi s-sigurtà soċjali obbligatorja;

Or. en

Emenda 14
Jean-Luc Bennahmias

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 6

Abbozz ta' opinjoni

6. Jenfasizza li ż-żieda fl-infiq fuq il-kura tas-saħħa u l-pensjonijiet jista' jkollha konsegwenzi sinifikanti għas-sostenibilità u l-kopertura tas-sistemi attwali ta' protezzjoni soċjali, li jista' jwassal biex jimbotta lill-Istati Membri biex ibaxxu l-livell ta' kontribuzzjoni tagħhom għall-protezzjoni soċjali obbligatorja u biex jittrasferixxu l-ispejjeż tas-sigurtà soċjali għas-settur privat;

Emenda

6. Jenfasizza li ż-żieda fl-infiq fuq il-kura tas-saħħa u l-pensjonijiet jista' jkollha konsegwenzi sinifikanti għas-sostenibilità u l-kopertura tas-sistemi attwali ta' protezzjoni soċjali, li jista' jwassal biex jimbotta lill-Istati Membri biex ibaxxu l-livell ta' kontribuzzjoni tagħhom għall-protezzjoni soċjali obbligatorja u biex jittrasferixxu l-ispejjeż tas-sigurtà soċjali għas-settur privat;

iqis li t-tisħiħ tal-kontribuzzjoni tal-impriżi mutwi għall-ekonomija soċjali ta' suq Ewropea ma għandux iseħħ għad-detriment tal-azzjoni tal-Istati Membri fil-qasam tal-protezzjoni soċjali ; ifakkar li d-diversità tas-sistemi ta' protezzjoni soċjali, li ħafna drabi taqa' kompletament fuq l-Istat, fuq l-impriżi mutwi jew b'mod kondiviż fuq it-tnejn, għandha tiġi rispettata; iqis li l-istatut Ewropew għall-impriżi mutwi huwa essenzjali iżda li ma jistax iservi sabiex tinstab soluzzjoni provviżorja għan-nuqqasijiet tal-Istati Membri fil-qasam tal-protezzjoni soċjali;

Or. fr

Emenda 15
Elisabeth Morin-Chartier

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 6a (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

6a jixtieq li l-possibbiltà ta' adeżjoni ma' impriża mutwa tkun iffaċilitata u inkoraġġuta għall-impjegati kollha u b'mod partikolari għall-impjegati li jaħdmu fl-impriżi żgħar;

Or. fr

Emenda 16
Elisabeth Morin-Chartier

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 6b (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

6b jixtieq, f'tali kundizzjonijiet, li l-adeżjoni tal-impjegat għal sistema ta' impriża mutwa tkun inkoraġġuta permezz ta' eżenzjonijiet fil-kontribuzzjonijiet soċjali jew fiskali;

Or. fr

Emenda 17
Frédéric Daerden

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 7

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

7. Ifakkar li l-kumpaniji ta' assigurazzjoni komuni ma għandhomx

imħassar

strumenti ġuridiċi li jiffaċilitaw l-iżviluppi tagħhom kif ukoll l-attivitajiet transnazzjonali tagħhom fil-qafas tas-suq intern;

Or. fr

Emenda 18
Richard Howitt

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 7

Abbozz ta' opinjoni

7. Ifakkar li *l-kumpaniji ta' assigurazzjoni komuni* ma għandhomx strumenti ġuridiċi li jiffaċilitaw l-iżviluppi tagħhom kif ukoll l-attivitajiet transnazzjonali tagħhom fil-qafas tas-suq intern;

Emenda

7. Ifakkar li *l-impriżi mutwi* ma għandhomx strumenti ġuridiċi li jiffaċilitaw l-iżviluppi tagħhom kif ukoll l-attivitajiet transnazzjonali tagħhom fil-qafas tas-suq intern ***u fid-dawl tad-disponibilità tal-istatuti Ewropej għal forom korporattivi oħra, l-impriżi soċjali għadhom żvantaġġati;***

Or. en

Emenda 19
Birgit Sippel

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 7

Abbozz ta' opinjoni

7. Ifakkar li *l-kumpaniji ta' assigurazzjoni komuni* ma għandhomx strumenti ġuridiċi li jiffaċilitaw l-iżviluppi tagħhom kif ukoll l-attivitajiet transnazzjonali tagħhom fil-qafas tas-suq intern;

Emenda

7. Ifakkar li *l-impriżi mutwi* ma għandhomx strumenti ġuridiċi li jiffaċilitaw l-iżviluppi tagħhom kif ukoll l-attivitajiet transnazzjonali tagħhom fil-qafas tas-suq intern; ***jenfasizza li, fin-nuqqas ta' statut Ewropew, l-impriżi mutwi ħafna drabi jkollhom jagħmlu użu minn strumenti legali mhux adegwati għall-attivitajiet transnazzjonali tagħhom u dan iwassal għad-demutwalizzazzjoni***

tagħhom;

Or. en

Emenda 20
Frédéric Daerden

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 8

Abbozz ta' opinjoni

8. *Iqis li l-leġiżlazzjoni dwar il-kumpaniji tal-assigurazzjoni komuni tvarja b'mod konsiderevoli fl-Unjoni u li l-istatut Ewropew jista jintuża bħala punt ta' tluq lejn tiqrib tal-liġijiet nazzjonali;*

Emenda

8. *Jikkonstata li l-leġiżlazzjonijiet nazzjonali dwar l-impriżi mutwi jvarjaw b'mod konsiderevoli fl-Unjoni Ewropea u li l-impriżi mutwi ma jiddisponux minn għodod ġuridiċi li jippermettu li jiġi ffaċilitat l-iżvilupp tagħhom fi ħdan is-suq intern;*

Or. fr

Emenda 21
Regina Bastos

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 8

Abbozz ta' opinjoni

8. *Iqis li l-leġiżlazzjoni dwar il-kumpaniji tal-assigurazzjoni komuni tvarja b'mod konsiderevoli fl-Unjoni u li l-istatut Ewropew jista jintuża bħala punt ta' tluq lejn tiqrib tal-liġijiet nazzjonali;*

Emenda

8. *Iqis li l-leġiżlazzjoni dwar l-impriżi mutwi tvarja b'mod konsiderevoli fl-Unjoni u li l-istatut Ewropew jista' jippermetti l-ħolqien ta' mutwi transnazzjonali biex b'hekk tissaħħaħ il-protezzjoni soċjali tal-UE;*

Or. en

Emenda 22
Frédéric Daerden

**Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 8a (ġdid)**

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

8a Iqis li l-Istatut Ewropew jista' jippermetti l-ħolqien ta' atturi mutwalistiċi transnazzjonali, biex b'hekk tissaħħaħ l-Ewropa tal-protezzjoni soċjali;

Or. fr

**Emenda 23
Birgit Sippel**

**Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 8a (ġdid)**

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

8a. Jenfasizza li l-impriżi mutwi ma jeżistux fl-Istati Membri kollha; jenfasizza li dan il-fatt joħloq distorsjonijiet fis-suq; jirrimarka li statut Ewropew jista' jirrimedja dan u dan jista' jinkoraġġixxi il-ħolqien ta' impriżi mutwi f'dawn l-Istati Membri;

Or. en

**Emenda 24
Minodora Cliveti**

**Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 9a (ġdid)**

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

9a. Jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tintroduċi mill-ġdid il-proposta għal Statut għal impriżi mutwi Ewropej;

Or. en

Emenda 25
Elisabeth Morin-Chartier

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 10a (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

10a Jixtieq b'hekk li dan l-istatut ikun ambizzjuż u innovattiv għall-protezzjoni tal-impjegati u tal-familja tagħhom fil-każ ta' mobilità fil-pajjiżi tal-Unjoni,

Or. fr

Emenda 26
Birgit Sippel

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 10a (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

10 a. Jilqa' l-istudju kkummissjonat mill-Kummissjoni Ewropea dwar is-sitwazzjoni attwali u l-proposti ta' impriżi mutwi fl-UE, li jeżamina d-diffikultajiet li l-impriżi mutwi jaffaċċjaw, minħabba n-nuqqas ta' oqfsa legali f'ċerti Stati Membri, fil-ħolqien ta' impriżi mutwi ġodda minħabba r-rekwiżiti kapitali u n-nuqqas ta' soluzzjonijiet għall-istabbiliment ta' gruppi; jistieden lill-Kummissjoni tipproponi soluzzjonijiet adegwati sabiex jiġu riżolti dawn il-problemi ħalli jiġu organizzati aħjar il-kontribuzzjonijiet ta' impriżi mutwi għall-ekonomija soċjali, inkluż Statut;

Or. en

Emenda 27
Minodora Cliveti

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 11

Abbozz ta' opinjoni

11. Ifakkar li *l-kumpaniji tal-assigurazzjoni komuni* għandhom rwol importanti fl-ekonomiji tal-Istati Membri billi jikkontribwixxu għall-oġġettivi strateġiċi tal-Unjoni fl-assigurazzjoni tat-tkabbir inklużiv b'aċċess għar-riżorsi fundamentali, għad-drittijiet u s-servizzi soċjali għal kulħadd, kif ukoll il-kura tas-saħħa ta' kwalità għolja għal kulħadd abbażi tas-solidarjetà u *n-non-esklużjoni*;

Emenda

11. Ifakkar li *l-impriżi mutwi* għandhom rwol ***jew għandu jkollhom rwol*** importanti fl-ekonomiji tal-Istati Membri billi jikkontribwixxu għall-oġġettivi strateġiċi tal-Unjoni fl-assigurazzjoni tat-tkabbir inklużiv b'aċċess għar-riżorsi fundamentali, għad-drittijiet u s-servizzi soċjali għal kulħadd, kif ukoll il-kura tas-saħħa ta' kwalità għolja għal kulħadd abbażi tas-solidarjetà, ***l-aċċessibbiltà mill-aspett finanzjarju*** u *n-nonesklużjoni*;

Or. en

Emenda 28
Birgit Sippel

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 11

Abbozz ta' opinjoni

11. Ifakkar li *l-kumpaniji tal-assigurazzjoni komuni* għandhom rwol importanti fl-ekonomiji tal-Istati Membri billi jikkontribwixxu għall-oġġettivi strateġiċi tal-Unjoni fl-assigurazzjoni tat-tkabbir inklużiv b'aċċess għar-riżorsi fundamentali, għad-drittijiet u s-servizzi soċjali għal kulħadd, kif ukoll il-kura tas-saħħa ta' kwalità għolja għal kulħadd abbażi tas-solidarjetà u *n-non-esklużjoni*;

Emenda

11. Ifakkar li *l-impriżi mutwi* għandhom rwol importanti fl-ekonomiji tal-Istati Membri billi jikkontribwixxu għall-oġġettivi strateġiċi tal-Unjoni fl-assigurazzjoni tat-tkabbir inklużiv b'aċċess għar-riżorsi fundamentali, għad-drittijiet u s-servizzi soċjali għal kulħadd, kif ukoll il-kura tas-saħħa ta' kwalità għolja għal kulħadd abbażi tas-solidarjetà, ***in-nondiskriminazzjoni*** u *n-nonesklużjoni*;

Or. en

Emenda 29
Richard Howitt

**Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 11a (ġdid)**

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

11a. Ifakkar li Regolament dwar l-Istatut għal Soċjetà Kooperattiva Ewropea (SCE)¹ kien adottat fl-2003 u li l-Kummissjoni Ewropea ppreżentat fit-8 ta' Frar 2012 proposta għal Statut tal-Fondazzjoni Ewropea;

¹ **Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1435/2003 tat-22 ta' Lulju 2003 dwar l-Istatut għal Soċjeta Koperattiva Ewropea (SCE)**

Or. en

**Emenda 30
Minodora Cliveti**

**Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 11a (ġdid)**

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

11a. Jenfasizza li l-impriżi mutwi għandu jkollhom rwol importanti għas-saħħa sostenibbli permezz ta' politiki proattivi ta' prevenzjoni;

Or. en

**Emenda 31
Minodora Cliveti**

**Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 12**

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

12. Jenfasizza li l-ekonomija soċjali, u

12. Jenfasizza li l-ekonomija soċjali, u

b'mod partikolari *l-kumpaniji tal-assigurazzjoni komuni, għandhom* rwol essenzjali fl-ekonomija tal-Unjoni, billi *jgħaqqdu l-profitt mas-solidarjetà, joħolqu* impjiegi ta' kwalità għolja, *isaħħu l-koeżjoni* soċjali, ekonomika u reġjonali, *jiġġeneraw kapital* soċjali, *jippromwovu* *ċittadinanza* attiva, *solidarjetà* u tip ta' ekonomija b'valuri demokratiċi li tqiegħed lill-persuni fl-ewwel post, kif ukoll *tippromwovi* l-iżvilupp sostenibbli u l-innovazzjoni soċjali, ambjentali u teknoloġika;

b'mod partikolari *l-impriżi mutwi*, għandha rwol essenzjali fl-ekonomija tal-Unjoni, billi *tgħaqqad il-profitt mas-solidarjetà, u b'hekk jinħolqu* impjiegi ta' kwalità għolja, *tissaħħaħ il-koeżjoni* soċjali, ekonomika u reġjonali, *jiġi ġġenerat il-kapital* soċjali, *jiġu promossi ċ-ċittadinanza* attiva, ***assistenza soċjali bbażata fuq is-solidarjetà*** u tip ta' ekonomija b'valuri demokratiċi li tqiegħed lill-persuni fl-ewwel post, kif ukoll *jiġu promossi* l-iżvilupp sostenibbli u l-innovazzjoni soċjali, ambjentali u teknoloġika;

Or. en

Emenda 32 **Jean-Luc Bennahmias**

Abbozz ta' opinjoni **Paragrafu 12**

Abbozz ta' opinjoni

12. Jenfasizza li l-ekonomija soċjali, u b'mod partikolari *l-kumpaniji tal-assigurazzjoni komuni, għandhom* rwol essenzjali fl-ekonomija tal-Unjoni, billi *jgħaqqdu l-profitt mas-solidarjetà, joħolqu* impjiegi ta' kwalità għolja, *isaħħu l-koeżjoni* soċjali, ekonomika u reġjonali, *jiġġeneraw kapital* soċjali, *jippromwovu* *ċittadinanza* attiva, *solidarjetà* u tip ta' ekonomija b'valuri demokratiċi li tqiegħed lill-persuni fl-ewwel post, kif ukoll *tippromwovi* l-iżvilupp sostenibbli u l-innovazzjoni soċjali, ambjentali u teknoloġika;

Emenda

12. Jenfasizza li l-ekonomija soċjali, u b'mod partikolari *l-impriżi mutwi*, għandha rwol essenzjali fl-ekonomija tal-Unjoni, billi *tgħaqqad il-profitt mas-solidarjetà, u b'hekk jinħolqu* impjiegi ***qrib ir-residenza tal-impjegati u*** ta' kwalità għolja, *tissaħħaħ il-koeżjoni* soċjali, ekonomika u reġjonali, *jiġi ġġenerat il-kapital* soċjali, *jiġu promossi ċ-ċittadinanza* attiva, *is-solidarjetà* u tip ta' ekonomija b'valuri demokratiċi li tqiegħed lill-persuni fl-ewwel post, kif ukoll *jiġu promossi* l-iżvilupp sostenibbli u l-innovazzjoni soċjali, ambjentali u teknoloġika;

Or. fr

Emenda 33 **Birgit Sippel**

**Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 12a (ġdid)**

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

12a. Ifakkar il-vantaġġi tal-prinċipji demokratiċi li jirregolaw l-impriżi mutwi bħal pereżempju l-prinċipju ta' vot wieħed għal membru wieħed, li jikkontribwixxu għal ġestjoni responsabbli u sostenibbli;

Or. en

**Emenda 34
Birgit Sippel**

**Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 13**

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

13. Ifakkar li *l-kumpaniji tal-assigurazzjoni* komuni huma mitluba biex ikollhom rwol f'dawn l-isfidi flimkien mas-settur privat, u li għalhekk għandhom ikunu kapaċi joperaw fl-Unjoni f'kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni bħal dawk ta' forom oħra ta' intrapriżi;

13. Ifakkar li *l-impriżi mutwi* huma mitluba biex ikollhom rwol f'dawn l-isfidi flimkien mas-settur privat, u li għalhekk għandhom ikunu kapaċi joperaw fl-Unjoni f'kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni bħal dawk ta' forom oħra ta' intrapriżi; ***jenfasizza li statuti Ewropew diġà fis-seħħ, bħall-Kooperattiva Ewropea (SCE) jew il-Kumpanija Ewropea (SE), mhumiex adattati għal impriżi mutwi minħabba fid-differenzi bejn il-mudelli imprenditorjali tagħhom;***

Or. en

**Emenda 35
Birgit Sippel**

**Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 13a (ġdid)**

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

13a. Jirrimarka li l-UE għandha tieħu kont tan-natura speċifika tal-kapital tal-impriżi mutwi waqt it-tfassil ta' leġislazzjoni relatata mar-rekwiżiti ta' finanzjament; jenfasisza li permezz ta' Statut Ewropew, ikun possibbli li din il-karatteristika tinżamm filwaqt li jintlaħqu aktar persuni permezz tal-attività transkonfinali;

Or. en

**Emenda 36
Marian Harkin**

**Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 14**

Abbozz ta' opinjoni

14. Jiddispjaċih li għad jeżistu lakuni fil-leġislazzjoni tal-Unjoni billi *l-kumpaniji tal-assigurazzjoni komuni* ma jissemmewx speċifikament fit-trattati u billi l-mudelli tal-intrapriżi tagħhom mhumiex koperti fil-leġislazzjoni sekondarja, li tirreferi għall-intrapriżi pubbliċi u privati, *li taffettwa* l-istatut tal-kumpaniji tal-assigurazzjoni komuni, l-iżvilupp tagħhom u l-istabbiliment ta' grupp transkonfinali;

Emenda

14. Jiddispjaċih li għad jeżistu lakuni fil-leġislazzjoni tal-Unjoni billi *l-impriżi* ma jissemmewx speċifikament fit-trattati u billi l-mudelli tal-intrapriżi tagħhom mhumiex koperti fil-leġislazzjoni sekondarja, li tirreferi għall-intrapriżi pubbliċi u privati *biss, u dan jaffettwa* l-istatut tal-kumpaniji tal-assigurazzjoni komuni, l-iżvilupp tagħhom u l-istabbiliment ta' grupp transkonfinali **u għalhekk jemmen li l-impriżi mutwi għandhom jiġu inklużi fl-Artikolu 54 TFUE sabiex jiġi żgurat li d-diversità tal-impriżi tkun stabbilita sew fit-Trattati;**

Or. en

**Emenda 37
Regina Bastos**

**Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 14**

Abbozz ta' opinjoni

14. Jiddispjaċih li għad jeżistu lakuni fil-leġislazzjoni tal-Unjoni billi l-kumpaniji tal-assigurazzjoni komuni ma jissemmewx speċifikament fit-trattati u billi l-mudelli tal-intrapriżi tagħhom mhumiex koperti fil-leġislazzjoni sekondarja, li tirreferi għall-intrapriżi pubbliċi u privati, *li taffettwa* l-istatut tal-kumpaniji tal-assigurazzjoni komuni, l-iżvilupp tagħhom u l-istabbiliment ta' **grupp** transkonfinali;

Emenda

14. Jiddispjaċih li għad jeżistu lakuni fil-leġislazzjoni tal-Unjoni billi *l-impriżi* ma jissemmewx speċifikament fit-trattati u billi l-mudelli tal-intrapriżi tagħhom mhumiex koperti fil-leġislazzjoni sekondarja, li tirreferi għall-intrapriżi pubbliċi u privati *biss, u dan jaffettwa* l-istatut tal-kumpaniji tal-assigurazzjoni komuni, l-iżvilupp tagħhom u l-istabbiliment ta' **gruppi** transkonfinali;

Or. en

Emenda 38
Richard Howitt

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 14a (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni

Emenda 39
Birgit Sippel

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 15

Abbozz ta' opinjoni

15. Ifakkar li l-istatut Ewropew *għall-kumpaniji tal-assigurazzjoni komuni* hu

Emenda

14a. Jirrikonoxxi li numru ta' impriżi mutwi effettivament joperaw b'forma ġuridika kooperattiva u jagħmlu parti mill-Alleanza Kooperattiva Internazzjonali permezz tal-involviment tagħhom mal-Federazzjoni Internazzjonali tal-Kooperattivi u l-Mutwi ta' Assigurazzjoni.

Or. en

Emenda

15. Ifakkar li l-istatut Ewropew *għal impriża mutwa* hu essenzjali għal

essenzjali għal integrazzjoni aħjar fis-suq uniku kif ukoll għall-kontribuzzjoni biex jinkisbu l-objettivi tal-istrateġija 2020 bbażati fuq it-tkabbir u l-impjiegi;

integrazzjoni aħjar fis-suq uniku kif ukoll għall-kontribuzzjoni biex jinkisbu l-objettivi tal-istrateġija 2020 bbażati fuq it-tkabbir u l-impjiegi; ***jenfasizza li Statut Ewropew se jiffaċilita wkoll il-mobilità taċ-ċittadini Ewropej billi jippermetti lill-impriżi mutwi jipprovdu servizzi f'diversi Stati Membri u b'hekk joħlqu aktar kontinwità u koerenza fis-suq uniku;***

Or. en

Emenda 40
Jean-Luc Bennahmias

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 15

Abbozz ta' opinjoni

15. Ifakkar li l-istatut Ewropew *għall-kumpaniji tal-assigurazzjoni komuni* hu essenzjali għal integrazzjoni aħjar fis-suq uniku ***kif ukoll għall-kontribuzzjoni biex jinkisbu l-objettivi*** tal-istrateġija 2020 bbażati fuq it-tkabbir u l-impjiegi;

Emenda

15. Ifakkar li l-istatut Ewropew *għal impriża mutwa* hu essenzjali għal integrazzjoni aħjar fis-suq uniku, ***rikonoxximent akbar tal-karatteristiċi tagħhom u sabiex l-impriżi mutwi ikunu jistgħu jikkontribwixxu aktar għall-ksib tal-objettivi*** tal-istrateġija 2020 bbażati fuq it-tkabbir u l-impjiegi;

Or. fr

Emenda 41
Richard Howitt

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 15a (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni

15a. Jirrimarka li statut Ewropew għal impriżi mutwi se jipprovdi mod ta' kif jiġi promoss il-mudell muwntalistiku madwar Ewropa mkabbra, b'mod partikolari fl-

Emenda

Istati Membri l-ġodda fejn mhuwiex kopert minn xi sistema ġuridika. Regolament Ewropew, li naturalment ikun applikabbli fl-Unjoni Ewropea kollha, ikollhu l-vantaġġ doppju li jipprovdi dawn il-pajjiżi b'statut Ewropew ta' riferiment u jikkontribwixxi għall-istatus u l-profil pubbliku ta' dan it-trip ta' impriża.

Or. en

Emenda 42
Minodora Cliveti

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 15a (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

1a. Jenfasizza li l-istatut jista' jipprovdi opportunitajiet għal impriżi mutwi biex joħlqu ekonomiji ta' skala, sabiex tinżamm il-kompetittività fil-futur, u jżid ir-rikonoxximent tal-valur tal-impriżi mutwi fit-tfassil ta' politika Ewropew.

Or. en

Emenda 43
Birgit Sippel

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 16

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

16. Jenfasizza li l-kumpaniji tal-assigurazzjoni komuni huma elementi sodi u sostenibbli, li rreżistew il-kriżi finanzjarja b'mod aħjar, fl-ekonomiji kollha partikolarment fil-qasam tal-assigurazzjoni u l-protezzjoni soċjali; ifakkar li l-kumpaniji tal-assigurazzjoni komuni huma partikolarment attivi fil-qasam tat-tixjiħ tal-popolazzjoni u l-

16. Jenfasizza li l-impriżi mutwi huma elementi sodi u sostenibbli, li rreżistew il-kriżi finanzjarja b'mod aħjar **u kkontribwixxew għal suq aktar reżistenti u diversifikat**, fl-ekonomiji kollha partikolarment fil-qasam tal-assigurazzjoni u l-protezzjoni soċjali; ifakkar li l-impriżi mutwi huma partikolarment attivi fil-qasam tat-tixjiħ tal-popolazzjoni u l-bżonnijiet

bżonnijiet soċjali, u li *l-implikazzjoni tal-kumpaniji tal-assigurazzjoni komuni* fil-qasam tal-pensjonijiet toffri opportunitajiet addizzjonali liċ-ċittadini tal-Unjoni;

soċjali, li *l-involvement tal-impriżi mutwi* fil-qasam tal-pensjonijiet toffri opportunitajiet addizzjonali liċ-ċittadini tal-Unjoni;

Or. en

Emenda 44 **Jean-Luc Bennahmias**

Abbozz ta' opinjoni **Paragrafu 16**

Abbozz ta' opinjoni

16. Jenfasizza li *l-kumpaniji tal-assigurazzjoni komuni* huma elementi sodi u sostenibbli, li rreżistew il-kriżi finanzjarja ***b'mod aħjar***, fl-ekonomiji kollha partikolarment fil-qasam tal-assigurazzjoni u l-protezzjoni soċjali; ifakkar li *l-kumpaniji tal-assigurazzjoni komuni* huma partikolarment attivi fil-qasam tat-tixjiħ tal-popolazzjoni u l-bżonnijiet soċjali, ***u*** li *l-implikazzjoni tal-kumpaniji tal-assigurazzjoni komuni* fil-qasam tal-pensjonijiet toffri opportunitajiet addizzjonali liċ-ċittadini tal-Unjoni;

Emenda

16. Jenfasizza li *l-impriżi mutwi* huma elementi sodi u sostenibbli, li rreżistew ***sew*** il-kriżi finanzjarja, fl-ekonomiji kollha partikolarment fil-qasam tal-assigurazzjoni u l-protezzjoni soċjali; ifakkar li *l-impriżi mutwi* huma partikolarment attivi fil-qasam tat-tixjiħ tal-popolazzjoni u l-bżonnijiet soċjali, li *l-involvement tal-impriżi mutwi* fil-qasam tal-pensjonijiet toffri opportunitajiet addizzjonali liċ-ċittadini tal-Unjoni ***u li l-impriżi mutwi għandhom rwol ċentrali fil-preservazzjoni tal-mudell soċjali Ewropew***;

Or. fr

Emenda 45 **Regina Bastos**

Abbozz ta' opinjoni **Paragrafu 16**

Abbozz ta' opinjoni

16. Jenfasizza li *l-kumpaniji tal-assigurazzjoni komuni* huma ***elementi*** sodi u sostenibbli, li rreżistew il-kriżi finanzjarja ***b'mod aħjar***, fl-ekonomiji

Emenda

16. Jenfasizza li *l-impriżi mutwi* huma ***organizzazzjonijiet*** sodi u sostenibbli, li rreżistew il-kriżi finanzjarja ***b'mod aħjar***, fl-ekonomiji kollha partikolarment fil-

kollha partikolarment fil-qasam tal-assigurazzjoni u l-protezzjoni soċjali; ifakkar li *l-kumpaniji tal-assigurazzjoni komuni* huma partikolarment attivi fil-qasam tat-tixjiħ tal-popolazzjoni u l-bżonnijiet soċjali, u li *l-implikazzjoni tal-kumpaniji tal-assigurazzjoni komuni* fil-qasam tal-pensjonijiet toffri opportunitajiet addizzjonali liċ-ċittadini tal-Unjoni;

qasam tal-assigurazzjoni u l-protezzjoni soċjali; ifakkar li *l-impriżi mutwi* huma partikolarment attivi fil-qasam tat-tixjiħ tal-popolazzjoni u l-bżonnijiet soċjali, li *l-involviment tal-impriżi mutwi* fil-qasam tal-pensjonijiet toffri opportunitajiet addizzjonali liċ-ċittadini tal-Unjoni;

Or. en

Emenda 46
Birgit Sippel

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 16a (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

16a. Jenfasizza li l-impriżi mutwi ma jiddisponux minn ishma iżda huma proprjetà komuni, u li kull bilanċ favorevoli huwa investit mill-ġdid pjutost milli distribwit lill-membri u jenfasizza li dan ikkontribwixxa għall-fatt li l-impriżi mutwi rreżistew il-kriżi b'mod aħjar mill-entitajiet tas-settur privat;

Or. en

Emenda 47
Birgit Sippel

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 16c (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

16c. Josserva li Statut Ewropew ikun jikkosistwixxi għodda volontarja kumplimentarja għad-dispożizzjonijiet legali nazzjonali li applikaw għall-impriżi mutwi u b'hekk ma jaffettwax l-istatuti diġà fis-seħħ, iżda jikkostitwixxi it-28 sistema li tiffaċilita l-mutwi fl-attivitajiet

transkonfinali;

Or. en

Emenda 48
Marian Harkin

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 17

Abbozz ta' opinjoni

17. Jitlob lill-Kummissjoni tqis il-karatteristiċi speċifiċi *tal-kumpaniji tal-assigurazzjoni komuni* biex tiggarrantixxi l-ugwaljanza tal-kundizzjonijiet tal-kompetizzjoni, sabiex jiġi evitat id-diskriminazzjoni addizzjonali u jiġi ggarantit suq ġust u kompetittiv;

Emenda

17. Jitlob lill-Kummissjoni tqis il-karatteristiċi speċifiċi *tal-impriżi mutwi* biex tiggarrantixxi l-ugwaljanza tal-kundizzjonijiet tal-kompetizzjoni, sabiex jiġi evitat id-diskriminazzjoni addizzjonali u jiġi ***żgurat li kwalunkwe leġiżazzjoni ġdida tkun proporzjonata u jiġi*** ggarantit suq ġust u kompetittiv;

Or. en

Emenda 49
Birgit Sippel

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 17

Abbozz ta' opinjoni

17. Jitlob lill-Kummissjoni tqis il-karatteristiċi speċifiċi *tal-kumpaniji tal-assigurazzjoni komuni* biex tiggarrantixxi l-ugwaljanza tal-kundizzjonijiet tal-kompetizzjoni, sabiex jiġi evitat id-diskriminazzjoni addizzjonali u jiġi ggarantit suq ġust **u** kompetittiv;

Emenda

17. Jitlob lill-Kummissjoni tqis il-karatteristiċi speċifiċi *tal-impriżi mutwi* biex tiggarrantixxi l-ugwaljanza tal-kundizzjonijiet tal-kompetizzjoni, sabiex jiġi evitat id-diskriminazzjoni addizzjonali u jiġi ggarantit suq ġust, kompetittiv ***u sostenibbli.***

Or. en

Emenda 50
Regina Bastos

Abbozz ta' opinjoni
Anness - Paragrafu 17a (ġdid) - Rakkomandazzjoni 1 (ġdida)

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

17a. Iqis li d-diversità tal-impriżi għandha tkun stabbilita b'mod ċar fit-Trattat tal-UE u jipproponi li fl-Artikolu 54 tat-Trattat tal-UE jiġu inklużi l-impriżi mutwi;

Or. en

Emenda 51
Regina Bastos

Abbozz ta' opinjoni
Anness - Paragrafu 17b (ġdid) - Rakkomandazzjoni 2 (ġdida)

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

17b. Iqis li proposta legali għal Regolament dwar Impriża Mutwa Ewropea għandha tinkludi dispożizzjonijiet legali sabiex:

- jippermettu l-eżistenza ta' Impriżi Mutwi Ewropej fuq il-bażi ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi;

- jippermettu l-mutwi joperaw b'mod ħieles fis-Suq Uniku Ewropew biex b'hekk jissaħħu l-prinċipji tas-Suq Uniku stess;

- jippermettu l-mutwi jieħdu l-benefiċċji li jirriżultaw minn Grupp Ewropew ta' Mutwi b'mod partikolari fil-kuntest tad-Direttiva Sovenza II għall-impriżi mutwi li jipprovdu assigurazzjoni;

Or. en

Emenda 52
Regina Bastos

Abbozz ta' opinjoni
Anness - Paragrafu 17c (ġdid) - Rakkomandazzjoni 3 (ġdida)

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

17c. Iqis li hija meħtieġa taħlita ta' strateġiji u miżuri sabiex jiġu stabbiliti kundizzjonijiet pari għall-impriżi mutwi li jagħtuhom possibbiltajiet ugwali sabiex tiżdid dimensjoni Ewropea għall-organizzazzjoni u l-attivitajiet tagħhom u sabiex l-impriżi mutwi jiġu provduti b'istrumenti legali adegwati ħalli jiġu ffaċilitati l-attivitajiet transkonfinali u transnazzjonali tagħhom; F'dan ir-rigward, l-impriżi mutwi jkunu jistgħu joperaw fl-UE skont il-governanza speċifika tagħhom;

Or. en

Emenda 53
Regina Bastos

Abbozz ta' opinjoni
Anness - Paragrafu 17d (ġdid) - Rakkomandazzjoni 4 (ġdida)

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

17d. Jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta l-possibbiltà li trendi disponibbli dan ir-Regolament fakultattiv fil-leġiżlazzjoni tal-Istati Membri ħalli jiġu indikati l-karatteristiċi u l-prinċipji ta' governanza tal-impriżi mutwi; u konsegwentement tiddefinixxi l-kundizzjonijiet ta' akkwist u telf ta' sħubija u d-drittijiet u d-dmirijiet tal-imsieħba; u l-kostituzzjonijiet min-naħa ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, li jistgħu jippermettu l-ħolqien ta' gruppi ta' mutwi, ix-xoljiment u l-likwidazzjoni tal-Impriża Mutwa Ewropea u d-distribuzzjoni ta' assi;

Emenda 54
Regina Bastos

Abbozz ta' opinjoni
Anness - Paragrafu 17e (ġdid) - Rakkomandazzjoni 5 (ġdida)

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

17e. Jistieden lill-Kummissjoni tal-UE tintroduċi fir-regolament propost il-karatteristiċi prinċipali tal-impriża mutwi bbażati fuq persuni, li joperaw essenzjalment skont il-prinċipju ta' awtogovernanza, fejn il-membri jew ir-rappreżentattivi tagħhom jipparteċipaw direttament fid-definizzjoni tal-politika tal-impriża mutwa jew għandhom id-dritt li jinfluwenzaw din il-politika; L-impriża mutwi ma għandhomx l-għan li jagħmlu profit għad-distribuzzjoni lill-azzjonisti esterni u huma bbażati fuq affiljazzjoni individwali u adeżjoni miftuħa; Huma huma nondiskriminatorji inkwantu għall-għażla ta' riskju, orjentati demokratikament mill-membri tagħhom u ffinanzjati permezz tas-solidarjetà, sabiex jitejjbu l-kundizzjonijiet soċjali tal-komunitajiet lokali u tas-soċjetà aktar wiesgħa fi spirtu mutwalistiku;

Or. en

Emenda 55
Marian Harkin

Abbozz ta' opinjoni
Anness - Paragrafu 17a (ġdid) - Rakkomandazzjoni 6 (ġdida)

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

17a. Jistieden lill-Kummissjoni tal-UE tintroduċi fir-regolament propost il-

karatteristiċi prinċipali tal-impriża mutwi bbażati fuq persuni, li joperaw essenzjalment skont il-prinċipju ta' awtogovernanza, fejn il-membri jew ir-rappreżentattivi tagħhom jipparteċipaw direttament fid-definizzjoni tal-politika tal-impriża mutwa jew għandhom id-dritt li jinfluwenzaw din il-politika; L-impriża mutwi ma għandhomx l-għan li jagħmlu profit għad-distribuzzjoni lill-azzjonisti esterni u huma bbażati fuq affiljazzjoni individwali u adegħjoni miġtuha; Huma huma nondiskriminatorji inkwantu għall-għażla ta' riskju, orjentati demokratikament mill-membri tagħhom u ffinanzjati permezz tas-solidarjetà, sabiex jitejjbu l-kundizzjonijiet soċjali tal-komunitajiet lokali u tas-soċjetà aktar wiesgħa fi spirtu mutwalistiku.

Or. en

Emenda 56
Birgit Sippel

Abbozz ta' opinjoni
Anness - Paragrafu 17a (ġdid) - Rakkomandazzjoni 7 (ġdida)

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

17a. Jenfasizza li statut Ewropew għal impriża mutwa għandu jkun ssupplimentat minn Direttiva rigward l-involviment tal-ħaddiema, li ma ddghajjafx id-drittijiet tal-ħaddiema eżistenti fuq l-informazzjoni, il-konsultazzjoni u l-parteċipazzjoni u tipprevedi dispożizzjonijiet adegwati dwar l-involviment tal-impjegati li għandhom jiġu negozjati qabel l-istabbiliment ta' impriża mutwa Ewropea; Għandhom jiġu garantiti standards minimi: L-impjegati għandhom jiġu kkonsultati u informati dwar il-kwistjonijiet kollha li jistgħu jaffettwaw l-interessi tagħhom b'mod sinifikanti, bħall-kundizzjonijiet ta'

impieg, bidliet strutturali tal-impriża, kwistjonijiet transkonfinali, taħriġ vokazzjonali u s-saħħa u s-sikurezza tal-impjegati; Forom ta' ħrib mill-kodeterminazzjoni pereżempju permezz tat-trasferiment tal-kwatrieri ġenerali minn Stat Membru wieħed għal ieħor, għandhom jiġu preklużi.

Or. en

Emenda 57
Birgit Sippel

Abbozz ta' opinjoni
Anness - Paragrafu 17a (ġdid) - Rakkomandazzjoni 8 (ġdida)

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

17a. Jenfasizza l-importanza tal-prinċipju ta' solidarjetà fl-impriżi mutwi fejn il-klijenti huma wkoll membri u għalhekk jikkondividu l-istess interessi; ifakkar fil-prinċipju ta' sjieda komuni tal-kapital u l-indiviżibilità tiegħu; jenfasizza l-importanza tal-prinċipju tad-distribuzzjoni diżinteressata fil-każ ta' likwidazzjoni, jiġifieri l-assi għandhom ikunu distribwiti lil impriżi mutwi oħra jew entità li għandha bħala għan l-appoġġ u l-promozzjoni ta' impriżi mutwi;

Or. en

Emenda 58
Birgit Sippel

Abbozz ta' opinjoni
Anness - Paragrafu 17a (ġdid) - Rakkomandazzjoni 9 (ġdida)

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

17a. Jenfasizza li Statut Ewropew għal impriża mutwa ma għandux jaffettwa s-

*sistemi nazzjonali tas-sigurtà soċjali
obbligatorja ġestiti minn impriżi mutwi;*

Or. en